MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 798/2005

Dr. Louis Bianchi bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Lacoste S.A. ta' 8 Rue de Castiglione, Paris 75001, France
vs
Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Veronica Rossignaud li b'digriet tal-24 ta' Ottubru, 2005 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil Eurl Deguiche Import-Export, Diar El Kheoua No. 02, Section Erredouana No. 93, Bouloughine IBN ZIRI, Algiers/Algerie

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-attur nomine li biha eccepiet:

Illi s-socjeta` attrici, maghrufa madwar id-dinja nkluz f'Malta bhala proprjetarja tal-artikoli tal-ilbies "LACOSTE", u kienet proprjetarja ta' diversi trademarks famuzi konsistenti fil-kelma "LACOSTE" u miktuba u pinguta b'mod distintiv oltre ghar-rapprezentazzjoni partikolari ta'

— jew inkludenti — kukkudrill “CROCODILE”, liema trademarks kienu jinsabu registrati f’diversi gurisdizzjonijiet inkluz f’Malta, u dan dwar artikoli ta’ lbies fost ohrajn;

Illi in partikolari, is-socjeta` attrici kellha registrata f’Malta b’effett mill-4 ta’ April 1983 il-quddiem it-trademarks fost ohrajn bin-numri ta’ registrazzjoni 37509, 15609, 15461, 15462, 15463 u 15464 ghar-rigward il-kelma LACOSTE, 31033 ghar-rigward il-kelma CROCODILE, 37553, 15431, 15432, 15433, 15434 u 15435 ghal CROCODILE pingut, u 17230 ghal kelma LACOSTE bil-CROCODILE pingut, u dan dwar zraben (“shoes”) fost ohrajn;

Illi bil-hila u bl-invenzjoni taghha, kif ukoll b’hafna sagrificcju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta` attrici kienet akkwizixxiet reputazzjoni u avvjament konsiderevoli kemm fuq is-suq barrani kif ukoll fuq is-suq lokali, in konnessjoni mat-trademarks taghha LACOSTE (miktuba b’mod distintiv) oltre ghar-rapprezentazzjoni partikolari ta’ — jew inkludenti — kukkudrill – CROCODILE;

Illi fit-8 ta’ Awissu 2005 is-socjeta` attrici kienet giet infurmata mill-Kontrollur tad-Dwana li waqt l-iskrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-artikolu 4 ta’ l-Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) (Kapitlu 414 ta’ l-Edizzjoni Riveduta ta’ l-Ligijiet ta’ Malta), l-istess Kontrollur tad-Dwana kien issospenda r-rilaxx tal-container Nru. ECMU 9067790 ta’ tul ta’ 40 pied kontenenti zraben (shoes) ta’ l-irgiel (li fuq il-bill of lading Nru. ECMU 9067790 relattiv id-deskrizzjoni ta1-packages relattiva kienet ta’ shoes) u li fuqhom kien hemm sinjali LACOSTE u CROCODILE, liema artikli kienu waslu fil-Freeport Terminal tad-Dwana in transitu ghar-rilaxx eventwali favur consignee / importatrici indikata fuq l-istess bill of lading bhala Eurl Deguiche Import-Export, Diar El Kheoua No. 02, Section Erredouana No. 93, Bouloughine IBN ZIRI, Algiers / Algeria, u prima facie kien deher car lill-istess Kontrollur tad-Dwana li kienu jikkontravvjenuU dritt ta’ proprjeta` intellettwali;

Illi l-oggetti hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontroll tad-Dwana kienu fil-fatt kontraffazzjonijiet ghar-raguni li kien fihom sinjali LACOSTE u disinni partikolari ta' — u inkludenti — kukkudrill (CROCODILE), li kienu jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici;

Illi s-socjeta` attrici kienet tinsab infurmata li b'kollox kienu gew identifikati 2700 par zraben bis-sinjali kontraffatti;

Illi l-azzjonijiet tal-konvenuti nomine kienu jiksru d-disposizzjonijiet tal-artiklu 4 tal-Kap. 414 imsemmi qabel kif ukoll tal-artiklu 10(1) u (2)(b) tal-Att Dwar it-Trademarks (Kap. 416), u kienu azzjonabbli b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-artikli 14 sa 19 tal-istess Kap. 416, 2 u 8(1) tal-istess Kap. 414;

Illi s-socjeta` attrici kellha kull interess li tippromwovi din l-azzjoni gudizzjarja sabiex tikkawtela u tenforza l-jeddijiet taghha;

Illi s-socjeta` attrici kienet inghatat opportunita` sas-6 ta' Settembru 2005 d-data tal-prezentazzjoni tac-citazzjoni promotrici sabiex tinforma lill-Kontrollur tad-Dwana li kienu nbdew l-opportuni procedimenti civili gudizzjarji;

L-attur nomine talab lill-Qorti:

(1) Tiddikjara li l-oggetti konsistenti fi zraben li fuqhom hemm sinjali LACOSTE u disinni partikolari ta' — u inkludenti — kukkudrill — CROCODILE - u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-container Nru ECMU 9067790 kontenenti l-imsemmija artikoli, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici fir-rigward ta' t-tradernarks taghha bin-numri ta' registrazzjoni 37509, 15607, 15461, 15462, 15463 u 15464 ghar-rigward il-kelma LACOSTE, 31033 ghar-rigward il-kelma CROCODILE, 37553, 15431, 15432, 15433, 15434 u 15435 ghal CROCODILE pingut, u 1730 ghal kelma LACOSTE bil-CROCODILE pingut, rispettivament;

(2) Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta` attrici, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u ghas-spejjez tal-konvenuti nomine;

(3) Tiehu jew tordna lill-Kontrollur ta' d-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuti nomine mill-beneficcji ekonomici ta' t-transazzjoni;

(4) Tordna lil konvenuti nomine ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija oggetti ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess kif ukoll tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti nomine li gew ingunti ghas-subizzjoni.

L-attur talab lill-Qorti biex:

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine li eccepew:

1. Illi f'dan l-istadju ma kienux edotti mill-fatti tal-kawza.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuti nomine.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine.

Rat li gie prezentat affidavit ta' Christian London, ***Legal Director*** fil-***legal department*** ma' Lacoste, 8 rue de Castiglione, 75001, Paris, li fih issemma li x-xhud huwa kwalifikat biex biex jidentifika l-prodotti originali tal-prodotti Lacoste. Qal li hu attenda ghal konferenzi internazzjonali u sessjonijiet ta' tahrig li fihom gew diskussi l-prodotti Lacoste. Semma wkoll li hu ezamina l-kampjuni li kienu ntbaghtulu minn Dr. Louis Bianchi, u hu kkonferma li dawn kienu kontrafatti, filwaqt li semma d-diversi ragunijiet.

Gie prezentat affidavit ta' Dr. Louis Bianchi li fih issemma li f'Marzu 2004 hu kien gie appuntat mis-socjeta` La Chemise Lacoste biex jirrapprerzentaha f'kazijiet fil-Qrati Maltin fejn ikun hemm kaz ta' ***infringement*** tat-***trademark*** ta' din id-ditta. Zied jghid li ghall-habta ta' Awissu 2005 kien gie nfurmat minn George Scerri, Fizzjal tad-Dwana li kienet dahlet merkanzija li kienet tikkonsisti fi kwantita` ta' zraben bil-marki tad-ditta Lacoste. Il-konsenjatarju kien indikat bhala Eurl Deguiche Import-Export, Diar El Khoua, No. 2 Section Erredouna No. 93, Bouloughine IBN ZIRI, Algiers, Algerija. Kompla jghid li meta kampjuni ta' dawn iz-zraben gew spezzjonati minn dirigenti tas-socjeta` Lacoste gewwa Franza, irrizulta li dawn kienu foloz, u ghalhekk kellha ssir il-kawza odjerna.

Gie prezentat affidavit ta' George Scerri Fizzjal tad-Dwana fis-sezzjoni tal-Infurzar li fih issemma li l-***container*** ECMU 9067790 bil-polza tat-tghabija XIA158376 tghabba fil-port ta' Chiwan, Cina, u wasal fil-Port Hieles fuq il-vapur Sea Arrow fis-6 ta' awissu 2005. Dan kien intbaghat mill-kumpanija XIA0005 Uptop Trading Ltd Flat 9.19$^{th}$ Flr, Wah Suen House, 22 Tsing Chin St. Tsing YI,N.I. Hong Kong, u l-konsenjatarju kellu jkun XXX9999 Eurl Deguiche Import – Export, Algerija. Kien dikjarat li l-***container*** jikkonsisti f'1008 kaxxi zraben. Fit-8 ta' Awissu 2005 l-

container intghazel biex jigi ezaminat bis-sistema tal-***X-Ray*** u wara jinfetah biex isir ezami fiziku tal-kontenut. Huma sabu zraben li setghu jkunu foloz u ghalhekk ghaddew kampjuni lir-rapprezentant tad-ditta Lacoste gewwa Malta. Fit-12 ta' Awissu 2005 kien gie nfurmat minn Dr. Louis Bianchi li z-zraben kienu kontrafatti, u ghalhekk kien gie deciz li l-***container*** jigi trasferit gewwa Newport fil-Marsa. Sussegwentement il-***container*** kien inhatt u l-kontenut tieghu gie registrat fil-***baggage book***.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kuraturi deputati.

Min-naha taghhom il-kuraturi deputati ma jistghux imieru lill-kumpanija attrici ghaliex ma jafu xejn fuq il-fatti. Ma jirrizuotax li rcevew xi kumment jew direttiva li tista' tghinnhom fid-difiza. Zgur li xejn minn dak li sostna l-attur nomine ma gie kontradett.

Fit-2 ta' Marzu 2006 Dr. Anthony Cutajar ipprezenta nota minn fejn jirrizulta li kiteb lis-socjeta` konvenuta u filwaqt li nfurmaha bil-kawza odjerna, talab struzzonijiet immedjati, izda baqa' minghajr risposta.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Irrizulta li Dr. Louis Bianchi huwa rapprezentant tas-socjeta` Lacoste S.A. ghal dak li jirrigwarda l-marki u l-protezzjoni tal-marki taghha gewwa Malta. Irrizulta li fis-6 ta' Awissu, 2005 iddahhlet fuq il-vapur Sea Arrow konsenja zraben bil-marka Lacoste fuq ***container*** ECMU 9067790. Dr. Bianchi kien inghata kampjunarju ta' dawn iz-zrabenbiex jibghathom Parigi biex jigu ezaminati u jigi stabbilit jekk kienux genwini jew foloz. Instab li z-zraben kienu foloz. Il-***container*** inzamm fin-Newport il-Marsa. Dawn il-fatti gew konfermati minn George Scerri Fizzjal tad-Dwana fis-Sezzjoni tal-Infurzar li semma li fit-8 ta' Awissu 2005 il-***container*** gie miftuh biex jigi ccekkjat. Ikkonferma li ttiehdu xi kampjuni biex jigu analizzati. Provi mill-konvenuti nomine ma sarux. Rat l-affidavit ta' Christian London, ***Legal Director*** fil-***legal department*** tad-ditta attrici li fih issemma li l-kampjuni kienu foloz u nghataw ukoll ir-ragunijiet.

It-talba attrici ma hi b'ebda mod kontradetta.

L-azzjoni attrici hi bazata fuq dak li tipprovdi l-Ligi fl-Att tal-1997 dwar id-Drittijiet ta' Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) (Kap 414).

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Il-fatti msemmija fic-citazzjoni u dikjarazzjoni jirrizultaw pruvati.

Illi in vista tad-dikjarazzjoni maghmula minn Christian London u tal-Ufficjal tad-Dwana George Scerri u ta' Dr. Louis Bianchi, il-Qorti tiddikjara li l-oggetti konsistenti fi zraben li fuqhom hemm sinjali LACOSTE u disinni partikolari ta' — u inkludenti — kukkudrill — CROCODILE - u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-container Nru ECMU 9067790 kontenenti l-imsemmija artikoli, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intellettwali tassocjeta` attrici fir-rigward ta' t-tradernarks taghha bin-numri ta' registrazzjoni 37509, 15607, 15461, 15462, 15463 u 15464 ghar-rigward il-kelma LACOSTE, 31033 ghar-rigward il-kelma CROCODILE, 37553, 15431, 15432, 15433, 15434 u 15435 ghal CROCODILE pingut, u 1730 ghal kelma LACOSTE bil-CROCODILE pingut, rispettivament.

Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta` attrici, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u ghas-spejjez tal-konvenuti nomine.

Dwar it-tielet talba fejn intalab lill-Qorti "Tiehu jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuti nomine mill-beneficcji ekonomici ta' t-transazzjoni", fil-fatt l-attur nomine ma ghamel ebda talba specifika ghal dan ir-rigward u l-Qorti ma thossx opportun li timponi ebda rimedju iehor.

Tordna li l-konvenuti nomine ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija oggetti ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess kif ukoll tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni.

Spejjez kontra s-socjeta` konvenuta, b'dan li provizorjament id-drittijiet tal-kuraturi deputati ghandhom jithallsu mill-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------